# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 17 ta' Novembru 2000**

**Numru 27**

**Citaz. numru 913/91 DS**

Francesco Cesare f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' uliedu minuri Joseph u Tony; Maria Cesare u Lizio Cesare, u dawn ilkoll bhala werrieta legali ta' Raymond Cesare; u b'digriet tat-13 ta' Gunju 1997 il-gudizzju gie trasfuz (1) minn isem Francesco Cesare bhala rapprezentant ta' ibnu minuri Joseph ghal isem l-istess Joseph Cesare billi llum huwa maggorenni, u (2) minn Maria Cesare li mietet fil-mori tal-kawza ghal isem Joseph Cesare u Lizio Cesare proprju u Francesco Cesare bhala rapprezentant ta' ibnu minuri Tony; u b'digriet ta' l-4 ta' Mejju 1999 il-gudizzju gie trasfuz (1) minn isem Francesco Cesare bhala rapprezentant ta' ibnu minuri Tony ghal isem l-istess Tony Cesare billi dan illum huwa maggorenni, u (2) minn isem Francesco Cesare ghal isem Joseph Cesare. Lizio Cesare u Tony Cesare billi l-istess Francesco Cesare miet fil-mori tal-kawza

vs

Carmelo Penza bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Penza Construction Services Ltd.; u b'digriet tas-16 ta' Marzu 1992 gew imdahhla fil-kawza "in statu et terminis" Joseph Tabone u David Curmi bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Citadel Insurance

Services Limited u din bhala rapprezentanti lokali tas-socjeta` assikuratrici estera Assitalia – Le Assicurazioni d'Italia SPA

Illum, 17 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Dicembru 1991 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi Raymond Cesare kien impjegat mas-socjeta' kummercjali konvenuta, u fit-13 t'April 1991, f'incident li gara fuq il-post tax-xoghol tas-socjeta' konvenuta, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-istess Raymond Cesare waqa minn fuq il-bini fejn kien qed jahdem, cioe' il-flats tal-Gvern hdejn il-Moskea Casal Paola, u tilef hajtu – ara Dokument "A".

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali hi unikament responsabbli s-socjeta' konvenuta minhabba li naqset li tiehu l-mizuri u prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident in kwistjoni.

Illi, ghalkemm interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi fil-kwalita taghhom precitata, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.

talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li gara fit-13 t'April 1991, waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident Raymond Cesare tilef hajtu, u kwindi tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli wkoll ghad-danni konsegwenzjali;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-imsemmi incident, anke permezz ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti nomine li jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-interessi kummercjali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 1991 kontra l-konvenuti nomine, minn issa ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi s-socjeta' konvenuta ma kenitx responsabbli ghall-incident li gara fit-13 t'April 1991, f'liema incident tilef hajtu Raymond Cesare, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi, ghalhekk, is-socjeta' konvenuta ma ghandiex tigi ddikjarata responsabbli ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-7 ta' Novembru 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fid-9 ta' Lulju 1997;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet, u l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident li gara fit-13 ta' April 1991 fejn certu Raymond Cesare, guvni ta' sittax il-sena, waqa' minn fuq il-bini fejn kien qed jahdem mas-socjeta` konvenuta Penza Construction Services Ltd. u ttiehed l-Isptar fejn miet ftit wara. Is-socjeta` konvenuta ma accettatx responsabilta` u ghalhekk giet proposta din il-kawza sabiex l-imsemmija socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas dawk id-danni li jigu likwidati wara li tigi dikjarata responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Fir-relazzjoni tieghu l-abbli perit legali jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

"17. L-esponent qed jasal ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li fela n-noti ferm utli sottomessi mid-difensuri u li ghenu fl-analizi ta' dak li ngabar bhala provi.

18. Is-socjeta' konvenuta fl-ewel zewg paragrafi tal-ewwel nota taghha poggiet b'mod konciz imma daqstant iehor incisiv, il-posizzjoni taghha: id-decuius miet meta hu kien jahdem fuq xoghol ta' bini taht kostruzzjoni: Xejn izjed..

19. L-esponent hu tal-umli fehma li dan hu mod simplistiku ghall-ahhar kif thares lejn l-affarijiet u kif nezaminaw dawk l-elementi ta' fatt li rrizultaw. Il-fatt li hadd ma jara ncident, ma igieghlekx tieqaf hemm. Dan ikun att kbir ta' ngustizzja ma min imut bla jkollu cans jiddeponi. Il-Gustizzja tirrikjedi li l-gudikant jislet, fejn hu possibli, mill-affarijiet ta' fatt, bizzejjed biex ikun jaf x'gara sal-punt ta' probabilita' accettabli li twassal ghall-konvinciment morali fil-gudikant. Jekk il-gudikant ma jasalx s'hawn, allura il-prova li trid il-ligi ma tkunx intlahqet.

20. Fil-kaz in ezami rrizulta:-

(1) Wara li kien gabli l-lexxuna, Mario Axisa baghat lil Raymond Cesare biex itiha lura lill-mastrudaxxa fuq il-bejt.

(2) Wara li kkonsenjalu l-lexxuna fuq il-bejt, lil Martin Farrugia, Raymond telaq u Farrugia ma rahx izjed.

(3) Wara dan, Vincent McIntyre (li kien isfel jippostja l-gebel) u Philip Formosa li kien fuq il-bejt u nizel isfel raw lil Raymond cesare minxur mal-art, rasu 'l isfel jokrob.

(4) Dawn l-erbgha xhieda jsemmu l-hin tal-10.30 a.m. – jigifieri bejn li Axisa baghat lil Raymond lura bil-lexxuna, u bejn li Farrugia rcieva l-lexxuna u Raymond telaq u bejn li McIntyre u Formosa ndunaw bid-decuius fl-art, m'ghaddewx intervalli veri u propji.

(5) Il-perit Aquilina sab id-demm fl-art, fit-tromba tat-tarag, taht mnejn tidhol mill-bejt ghall-pjan wiesgha 5 piedi (landing). Minn dal-pjan ghal isfel hemm erba' sulari.

(6) Il-perit Aquilina qal li fittex ghal xi sinjali ta' tkaxkir, tizliq, demm jew xaghar fit-tarag u ma kien hemm xejn u dan kien juri li d-decuius ma waqax it-tarag.

(7) "Meta tidhol mill-bejt ma kien hemm ebda lqugh fix-xifer tal-pjan tat-tromba tal-bini" – perit Aquilina.

(8) Kien ikun hemm kuntrast qawwi fl-intensita' tad-dawl ta' barra ma dak ta' gewwa" u , relativament ma barra kien mudlam ghax kien cirkondat bi kmamar interni."

(9) Id-decuius kien deskritt mill-imghallem tieghu u shabu tax-xoghol bhala kwiet u kalm.

(10) Id-decuius ma ssemma li kellu ebda elmu.

21. Minn dal-punti ta' fatt jirrizulta bizzejjed assodat li d-decuius mar ghal isfel mill-landing appena hareg mill-bieb tal-bejt u mhux dgerbeb jew gralu xi haga hu u niezel it-tarag. Dan l-incident kien jigi evitat kieku kien hemm ilqugh fix-xifer tal-landing kif kienet tissuggerixxi u tindika li kellu jkun hemm il-prudenza ordinarja. Dik assocjata mal-imgieba tal-bonuspater familias u mhux dik fi grad superjuri.

22. Il-lant tax-xoghol f'bini taht kostruzzjoni jipprezenta inevitabilment ghadd ta' perikli izda certi prekawzjonijiet minimi huma mistennija. Per ezempju meta wiehed jidhol mill-bieb tal-bejt, fejn ikollok notorjament bdil fl-intensita' tad-dawl, xi kwalita' ta' lqugh (f'landing wiesgha 5 piedi) ghandu jkun hemm, u mhux <u>xejn.</u> Ilqugh bhal dan kien izomm lid-decuius (deskritt bhala kwiet u kalm) milli jmur ghal isfel.

23. Izda dan mhux kollox. Il-haddiem ukoll ghandu jhares lilu nnifsu u joqghod attent ghal hajtu u sahtu. Inkella hu wkoll jista' jkun jahti, in toto jew in parte ghal dak li jigrilu.

24. Fil-kaz that ezami d-decuius ma ezercitax l-attenzjoni shiha mistennija. Id-decuius ma kienx qed jaghmel xi operazzjoni lil hinn mill-hila tieghu, jew xi haga li ghaliha ma kienx imharreg. Da parti tieghu f'dal-kaz kien mistenni li jara fejn kien diehel meta gie biex jidhol mill-bejt ghal gol-landing tat-tarag. Dana n-nuqqas hu distint mill-kaz ta' "volenti non fit injuria", li jista' jitfa; tort shih fuq id-danneggjat.

25. Jigu waqtiet meta haddiem ghandu jigbed l-attenzjoini ta' min ihaddmu ( u jipprotesta jekk ikun hemm bzonn) meta xi haga ma tkunx sew mill-punto di vista ta' sikurta'. Jista' jkun hemm kaz fejn il-haddiem li ma jitkellimx, anke ghal dan is-silenzju biss, ikun qed jitghabba b'xi tort meta ssirlu disgrazzja fuq ix-xoghol. Izda fil-kaz "de quo", fejn si tratta ta' guvnott l-inqas wiehed fost il-haddiema fuq il-lant, wiehed ma jistax realistikament jghabbih b'xi responsabbilita' esklusiva ta' tort ghax dan ma jigbidx l-attenzjoni tas-socjeta' konvenuta ghan-nuqqas ta' lqugh imsemmi.

26. Meta jqis kollox l-esponent, jikkonkludi li ghal dan l-incident kienu responsabbli d-decuius u min ihaddmu u dan fuq bazi ta' 50:50."

Sussegwentement ghar-relazzjoni msemmija saru noti ulterjuri mis-socjeta` assikuratrici u mill-atturi. Wara li fliet dawn in-noti l-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

Il-Qorti hija soddisfatta li l-incident gara kif spjega tant tajjeb il-perit legali u l-asserzjonijiet maghmula mis-socjeta` assikuratrici fil-paragrafi numri 4, 5 u 6 tan-nota taghha ta' l-20 ta' Novembru 1998 m'ghandhom l-ebda fondament. Huwa bizzejjed li wiehed jirreferi ghax-xiehda ta' l-A.I.C. Richard Aquilina li kien gie nkarigat mill-Magistrat Inkwerenti sabiex izomm access fuq il-post u jindaga dwar ic-cirkostanzi li fihom sehh l-incident biex wiehed jirrejalizza kemm hu barra minn loku, per ezempju, is-suggeriment li Raymond Cesare seta' semplicement zelaq proprju fil-post fejn instab jokrob.

Dwar il-grad ta' responsabilta`, is-socjeta` assikuratrici tippretendi li s-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda responsabilta` filwaqt li l-atturi jippretendu li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi akkollata bir-responsabilta` shiha. Huma jikkwotaw awturi u gurisprudenza biex isahhu l-argumenti taghhom f'dar-rigward.

M'hemmx dubju li min ihaddem irid jipprovdi "a safe system of work". L-atturi ghamlu referenza ghall-Building (Safety) Regulations, 1968 u ghall-Att VII tal-1994 (li, kif korrettement osservaw, gie promulgat wara l-incident) u sostnew li s-socjeta` konvenuta naqset milli tadempixxi d-doveri taghha skond il-ligi u kien dan in-nuqqas ta' adempiment tal-obbligi taghha l-kawza prossima ta' l-incident. Il-Qorti taqbel li s-socjeta` konvenuta naqset meta m'ghamlitx certu lqugh li seta' jipprevjeni incident bhal dak in kwistjoni, izda ma tistax ma taqbilx ukoll li kien hemm kontributorjeta` da parti tad-*decuius* stess. Il-fatt li kien ghadu gdid fuq il-post tax-xoghol certament kienet tkun raguni ghalih biex jaghti attenzjoni akbar ghal dak li kien qed jaghmel. Jirrizulta li d-*decuius* kien tqabbad minn wiehed mill-haddiema Mario Axisa biex igiblu lexxuna minghand il-mastrudaxxa, Martin Farrugia, li kien fuq il-bejt, u wara li Axisa lesta baghat lil Raymond Cesare lura biha. Fil-fatt Cesare kkonsenja l-lexxuna lil Farrugia u waqa' wara li rega' dahal gewwa minn fuq il-bejt. Jigifieri diga` kellu certa konoxxenza ta' kif kien il-bini. Ghalhekk il-Qorti tikkondividi l-opinjoni espressa mill-perit legali li r-responsabilta` ghandha tigi apporzjonata ugwalment.

Il-Qorti issa ghalhekk se tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni:

Id-*decuius* kellu sittax-il sena meta gara l-incident. Meta wiehed iqis in-natura tax-xoghol li kien dahal ghalih, cioe` x-xoghol ta' kostruzzjoni, u fid-dawl tas-sentenza citata mill-atturi stess moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Agius vs Mario Borg", il-Qorti tqis gust li jigi uzat *multiplier* ta' 35 sena *purchase* f'dan il-kaz.

Ghal dak li jirrigwarda l-qligh medju annwu, meqjus il-firxa tas-snin, id-dhul minn salarju u/jew xoghol barrani, u l-prospetti li seta' kellu guvni li ghadu jibda d-dinja tax-xoghol, l-livell ta' l-ghixien u d-deprezzament tal-munita, jidher li huwa gust f'dawn ic-cirkostanzi li jittiehed qligh annwu medju ta' Lm4000.

Mis-somma rizultanti, ghandu jintaqqas 50% stante l-grad ta' responsabilta`, kif ukoll ghandhom jitnaqqsu 25% ghall-konsum personali u 50% minhabba l-grad ta' dipendenza ta' l-atturi mad-*decuius*.

Tenut kont tal-fatt li l-incident gara aktar minn disa' snin ilu, ma hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment*.

Il-*lucrum cessans* qieghed ghalhekk jigi likwidat hekk:

| | |
|---|---|
| Lm4,000 x 35 | Lm140,000 |
| Naqqas 50% (grad ta' responsabilta`) | Lm 70,000 |
| | ------------------ |
| | Lm 70,000 |
| Naqqas 25% (konsum personali) | Lm 17,500 |
| | ------------------ |
| | Lm 52,500 |
| Naqqas 50% (grad ta' dipendenza) | Lm 26,250 |
| | ------------------- |
| | Lm 26,250 |
| | ------------------- |

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-incident li gara fit-13 ta' April 1991 waqt il-hin tax-xoghol f'liema incident Raymond Cesare tilef hajtu, fi proporzjon ta' 50%,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident fl-ammont ta' Lm26,250, u
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi din is-somma ta' Lm26,250 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur